

**Linji gwida dwar l-estensjoni tal-perjodu  
ta' rkupru f'sitwazzjonijiet avversi ta'  
eċċezzjoni**

## 1. Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem id-Direttiva dwar Solvibbiltà II)<sup>1</sup>, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, jestendu l-perjodu ta' rkupru għall-istabbiliment mill-ġdid tal-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (minn issa 'l quddiem RKS) kif stabbilit fl-Artikolu 138(3) u l-Artikolu 218(4) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II għal perjodu massimu ta' 7 snin. Din is-setgħa tapplika f'każ ta' sitwazzjonijiet avversi ta' eċċezzjoni li jaffettwaw impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw sehem sinifikanti tas-suq jew linji ta' negozju affettwati, fejn l-impriżi jonqsu milli jissodisfaw ir-RKS tagħhom. Huwa f'idejn l-awtoritajiet superviżorji li jippermettulhom itaffu effetti proċikliċi potenzjali bla bżonn fuq is-sistema finanzjarja jew effetti avversi fuq is-swieq finanzjarji, b'mod partikolari, fuq is-suq tal-assigurazzjoni li finalment ikun ta' detriment għall-interessi tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji.
- 1.2. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet kompetittivi ġusti f'sitwazzjonijiet fejn estensjoni tal-perjodu ta' rkupru hija possibbiltà, huwa ta' importanza kbira li l-awtoritajiet superviżorji jiżviluppaw prattiki konverġenti meta jiddeċiedu dwar lil min għandha tingħata estensjoni u t-tul tal-estensjoni. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem ir-Regolament tal-EIOPA)<sup>2</sup>, l-EIOPA għalhekk toħroġ dawn il-Linji gwida.
- 1.3. Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw li jużaw approċċ konsistenti għall-estensjoni tal-perjodu tal-irkupru f'sitwazzjonijiet avversi ta' eċċezzjoni. Dawn il-Linji gwida jindirizzaw ukoll kwistjonijiet relatati li jitolbu prattiki superviżorji konverġenti jew armonizzazzjoni imtejba. Dawn jinkludu l-irtirar/ir-revoka ta' estensjoni, iktar estensjonijiet tal-estensjoni diġà mogħtija u l-iżvelar tal-irtirar tal-estensjonijiet.
- 1.4. Meta l-EIOPA tiddikjara li teżisti sitwazzjoni avversi b'mod eċċezzjonali skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II, dan ma jfissirx awtomatikament li kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni (minn issa 'l quddiem 'impriżi') minn Stat Membru li għaliha tapplika din id-dikjarazzjoni tkun potenzjalment eliġibbli għal estensjoni tal-perjodu tal-irkupru.
- 1.5. Mit-tliet sitwazzjonijiet avversi ta' eċċezzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 138(4) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II, waqa' fis-swieq finanzjarji li mhix prevista, drastika u qawwija biss x'aktarx ikollha impatt negattiv maġġuri fuq il-biċċa l-kbira tal-impriżi, peress li din toħloq ambjent ta' negozju mhux

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

favorevoli. Ambjent b'rata ta' imgħax baxxa b'mod persistenti huwa mistenni li prinċipalment jaffettwa l-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja, attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' impriżi ta' riassigurazzjoni u xi linji ta' negozju ta' impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Avveniment katastrofiku ta' impatt għoli jista' jaffettwa biss xi impriżi b'mod konsiderevoli peress li l-iktar jaffettwa lil ċerti linji ta' negozju.

- 1.6. Hemm differenzi importanti bejn it-tliet sitwazzjonijiet avversi ta' eċċezzjoni msemmijin hawn fuq rigward l-abbiltà tal-impriżi li jħarsu kontra dawn is-sitwazzjonijiet, jipprevjenu impriżi milli jiksru r-RKS tagħhom jew li jirkupraw minn dan il-ksur fiż-żmien meħtieġ. Dawn id-differenzi għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità superviżorja meta din tiddeċiedi jekk impriża hijiex eliġibbli għal estensjoni u dwar it-tul tal-estensjoni.
- 1.7. Is-setgħa li jiġi estiż il-perjodu ta' rkupru ma tingħata għall-ebda raġuni ħlief biex tinholq flessibbiltà fir-rigward ta' miżuri superviżorji fejn parti sinifikanti tas-suq tal-assigurazzjoni taffaċċja problemi maġġuri li jistgħu jwasslu għal riperkussjonijiet serji għas-suq kollu. Dawn jistgħu jiżviluppaw jekk l-atturi kkonċernati kollha jkunu sfurzati jieħdu miżuri simili fl-istess qafas ta' żmien limitat, b'hekk joħolqu effetti proċikliċi fuq is-sistema finanzjarja jew fejn elementi importanti tas-suq tal-assigurazzjoni jkunu f'diffikultajiet finanzjarji b'effetti detrimental fuq is-suq.
- 1.8. Fid-deċiżjoni dwar it-tul tal-estensjoni tal-perjodu tal-irkupru, l-awtoritajiet superviżorji huma mistennija jikkunsidraw il-karattru ta' eċċezzjoni ta' estensjoni tal-perjodu ta' rkupru u r-regola ġenerali tal-Artikolu 138(3) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II li tippreskrivi li l-impriżi jeħtieġ jiżguraw li jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti kapitali f'qafas ta' żmien limitat ta' 6 sa 9 xhur.
- 1.9. Meta s-sitwazzjoni avversa ta' eċċezzjoni tkun waqa' mhux prevista, drastika u qawwija fis-swieq finanzjarji jew ambjent b'rata ta' imgħax baxxa persistenti, id-deċiżjonijiet dwar il-perjodu taż-żmien għall-estensjonijiet tal-perjodu ta' rkupru jeħtieġu lill-awtoritajiet superviżorji biex jagħmlu suppożizzjonijiet dwar żviluppi fis-swieq finanzjarji. Fejn dawn is-suppożizzjonijiet juru maż-żmien li kienu wisq ottimisti jew pessimisti b'mod sinifikanti, l-awtoritajiet superviżorji għandhom ikunu jistgħu jikkoreġu d-deċiżjonijiet tagħhom billi jew jestendu iktar estensjoni partikolari fejn titjib mistenni fis-sitwazzjoni avversa ta' eċċezzjoni ma jkunx ġie mmaterjalizzat jew billi tiġi rrevokata l-estensjoni fejn l-ostakoli għal irkupru iktar malajr ma jkunux għadhom aktar preżenti.
- 1.10. Il-linji gwida 1 sa 11 għandhom japplikaw għall-impriżi individwali u *mutatis mutandis* għall-gruppi, jiġifieri meta dawn il-Linji gwida jiġu applikati għall-gruppi, "impriża" għandha tinqara bħala "grupp" u "awtorità superviżorja" għandha tinqara bħala "superviżur tal-grupp".
- 1.11. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppati dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) "estensjoni tal-perjodu ta' rkupru" tfisser il-perjodu estiż biex jiġi rrimedjat ksur tar-RKS, li jaqbeż il-perjodu oriġinali previst fl-Artikolu 138(3) tad-Direttiva dwar Solvibilità II;
- b) "l-irtirar tal-estensjoni" tfisser l-awtorità superviżorja tiegħu lura estensjoni tal-perjodu ta' rkupru fejn l-impriża kkonċernata tkun naqset milli turi progress sinifikanti biex tirrimedja għall-ksur tar-RKS f'konformità mas-subparagrafu ħamsa tal-Artikolu 138(4) tad-Direttiva dwar Solvibilità II;
- c) "ir-revoka tal-estensjoni" tfisser li l-awtorità superviżorja tiegħu lura estensjoni tal-perjodu ta' rkupru meta tqis bidla tal-materjal fiċ-ċirkostanzi li kienu l-bażi għall-estensjoni.

1.12. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.13. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

### **Linja gwida 1 - Kunsiderazzjonijiet ġenerali rigward l-għoti ta' estensjoni tal-perjodu ta' rkupru**

1.14. L-awtorità superviżorja għandha timmira li tipprevjeni effetti negattivi sproporzjonati għas-suq finanzjarju inġenerali jew is-suq tal-assigurazzjoni b'mod partikolari meta tagħti estensjoni tal-perjodu ta' rkupru u tiddeċiedi dwar it-tul ta' din l-estensjoni. Għandha tiżgura li l-kunsiderazzjonijiet makroprudenzjali jkunu bbilanċjati kif suppost kontra l-ħtieġa li jiġi evitat milli jiġu pperikolati bla bżonn il-protezzjoni tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji tal-impriża kkonċernata.

### **Linja gwida 2 - L-ebda estensjoni tal-perjodu ta' rkupru mingħajr id-dispożizzjoni li l-estensjoni tista' titnaqqas jew tiġi revokata**

1.15. L-awtorità superviżorja għandha tiegħu d-deċiżjonijiet kollha biex testendi l-perjodu ta' rkupru soġġett għad-dispożizzjoni li biha l-awtorità superviżorja tista' tirrevoka jew tnaqqas il-perjodu ta' rkupru estiż, kif xieraq, fejn iċ-ċirkostanzi sottostanti tal-estensjoni jkunu nbidlu b'tali mod li f'dawk iċ-ċirkostanzi l-ġodda, l-awtorità superviżorja ma tagħtix l-estensjoni jew tagħti estensjoni iktar limitata.

1.16. Meta l-EIOPA tiddikjara li s-sitwazzjoni avversa ta' eċċezzjoni m'għadhiex iktar teżisti, l-awtorità superviżorja għandha tirrieżamina kwalunkwe estensjoni mogħtija kemm jista' jkun malajr.

### **Linja gwida 3 - It-teħid ta' deċiżjoni dwar it-tul tal-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru**

1.17. L-awtorità superviżorja għandha tkompli testendi l-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru kif xieraq, milli tagħti estensjoni twila ħafna tal-perjodu ta' rkupru mill-bidu.

#### **Linja gwida 4 - It-talba għall-informazzjoni u l-pjan ta' rkupru**

- 1.18. L-awtorità superviżorja għandha titlob lill-impriża biex tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha biex tassisti lill-awtorità superviżorja fil-valutazzjoni tal-fatturi u l-kriterji definiti fl-Artikolu 288 c) sa h) u fl-Artikolu 289 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35<sup>3</sup>.
- 1.19. Fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru, il-pjan ta' rkupru skont l-Artikolu 142(1) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II għandu jinkludi barra minn hekk:
- a) ġustifikazzjoni tal-estensjoni u t-tul propost tal-perjodu ta' rkupru estiż meħtieġ, sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni avversa ta' eċċezzjoni;
  - b) il-progress li għandu jinkiseb f'kull tliet xhur bħala riżultat tal-miżuri proposti u l-effett mistenni tagħhom fuq il-pożizzjoni tas-solvibbiltà.

#### **Linja gwida 5 - Estensjoni tal-perjodu ta' rkupru minħabba l-waqa' tas-swieq finanzjarji li tkun mhux prevista, drastika u qawwija**

- 1.20. Meta l-EOIPA tkun iddikjarat li teżisti waqa' fis-swieq finanzjarji li tkun mhux prevista, drastika u qawwija, l-effetti proċikliċi potenzjali għandhom ikunu l-fattur deċiżiv għall-awtorità superviżorja meta tiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru u t-tul tiegħu.

#### **Linja gwida 6 - L-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru minħabba ambjent ta' rata ta' mgħax baxxa persistenti**

- 1.21. Meta l-EOIPA tkun iddikjarat li jeżisti ambjent ta' rata ta' mgħax baxxa persistenti, il-miżuri meħudin mill-impriża biex tillimita d-deterjorament tal-pożizzjoni tas-solvibbiltà tagħha għandhom ikunu l-fattur deċiżiv għall-awtorità superviżorja meta tiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru u t-tul tiegħu.

#### **Linja gwida 7 - L-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru minħabba avveniment katastrofiku b'impatt għoli**

- 1.22. Meta l-EIOPA tkun iddikjarat li seħħ avveniment katastrofiku b'impatt għoli, il-fattur deċiżiv għall-awtorità superviżorja għandu jkun il-punt safejn l-impriża taffaċċja talbiet ferm ogħla minn dawk li jkunu mistennija f'ċirkostanzi normali.

#### **Linja gwida 8 - Tiġi applikata estensjoni oħra tal-perjodu ta' rkupru fejn is-suppożizzjonijiet oriġinali jkunu nbidlu b'mod materjali**

- 1.23. L-awtorità superviżorja għandha tikkunsidra talba għal estensjoni oħra meta ċ-ċirkostanzi sottostanti tal-estensjoni oriġinali tal-perjodu ta' rkupru jkunu nbidlu b'tali mod li f'dawk iċ-ċirkostanzi l-ġodda, l-awtorità superviżorja setgħet tagħti

---

<sup>3</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1)

estensjoni itwal tal-perjodu ta' rkupru u t-talba tkun appoġġjata minn pjan ta' rkupru realistiku adattat.

- 1.24. L-awtorità superviżorja għandha tippermetti lil impriża titlob estensjoni oħra tal-perjodu ta' rkupru sakemm il-perjodu ta' rkupru estiż globali li jirriżulta ma jaqbiżx il-perjodu massimu kif imsemmi fl-Artikolu 138(4) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II.

### **Linja gwida 9 - Valutazzjoni ta' progress sinifikanti**

- 1.25. Meta tivverifika jekk l-impriża tkunx għamlet progress sinifikanti lejn il-konformità mar-RKS tagħha kif imsemmi fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 138(4) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II, l-awtorità superviżorja għandha tiddetermina jekk l-impriża hijiex probabbli li tissodisfa l-pjan ta' rkupru tagħha. L-awtorità superviżorja għandha tikkunsidra mill-inqas jekk l-impriża:

- a) naqsitx mingħajr ġustifikazzjoni biżżejjed biex timplimenta kwalunkwe miżura li kkommettiet lilha nnifisha biex tieġu; jew
- b) naqsitx milli tagħmel progress sinifikanti fi kwalunkwe objettiv li għandu jinkiseb f'kull tliet xhur bħala riżultat tal-miżuri proposti li kienu inklużi fil-pjan ta' rkupru.

### **Linja gwida 10 - L-irtirar jew ir-revoka tal-estensjoni**

- 1.26. Jekk l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-estensjoni tal-perjodu ta' rkupru għandha tiġi rtirata jew revokata, għandha tagħti l-opportunità lill-impriża biex tagħti l-fehma tagħha dwar l-irtirar jew ir-revoka proposta fi ħdan skeda ta' żmien adegwata.

### **Linja gwida 11 - L-iżvelar pubbliku tal-irtirar jew tar-revoka tal-estensjoni**

- 1.27. Meta l-awtorità superviżorja tirtira jew tirrevoka estensjoni tal-perjodu ta' rkupru, għandha tiżgura li l-impriża tikkonforma mingħajr dewmien mar-rekwiżit tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva dwar Solvibbiltà II biex pubblikament tiżvela din l-informazzjoni, u r-raġunijiet għall-irtirar jew għar-revoka f'aġġornament tar-Rapport tal-Kundizzjoni Finanzjarja u tas-Solvibbiltà tagħha.

### **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.28. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.29. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.30. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji

Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

- 1.31. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrapportati bħala tali.

### **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet**

- 1.32. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.